# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 145/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**Vs**

**Alfred Zammit**

Seduta tas-27 t'April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Alfred Zammit detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 270854M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-5 ta' Mejju, 2013 ghall-habta ta' 11.15am f'Wied iz-Zurrieq, l/o Qrendi: (1) Saq vettura Nru. CAM-256 b'manjiera traskurata; (2) Saq l-imsemmija vettura Nru. CAM-256 b'manjiera bla kont; (3)Volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni bl-ghajjat u glied jew b'xi mod iehor; u (4) Bi kliem ingurja u/jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 435 D. D'Amato persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Il-Qorti kienet mitluba tipprovdi ghas-sigrurta' tal-persuna ta' PS 435 D. Damato jew sabiex jinzamm il-bon ordni skond il-provedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kap 9. Intalbet ukoll tiskwalifika lill-imputat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu taz-zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Marzu, 2014, li biha illiberat lill-Alfred Zammit mill-1 u t-2 imputazzjoni izda sabithu hati tat-3 u r-4 wahda u kkundannatu piena karcerarja ta' xahar sospiza ghal perjodu ta' erba' snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alfred Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' April, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fejn illiberatu mill-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u **thassarha** u **tirrevokaha** fejn sabitu hati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, **alternattivament** u fl-eventwalita' li din il-Qorti tikkonferma l-htija, tapplika piena iktar miti u idoneja fic-cirkostanzi;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-ewwel lanjanza tal-appellant tirrigwarda l-validita' tas-sentenza appellata bil-gravami li s-sentenza hija illegibbli, ma jidhirx li ssemmi l-fatti li dwarhom l-appellant instab hati, la l-piena u wisq anqas l-artikoli tal-ligi li dwarhom instab hati. Izid jargumenta l-appellant illi ma huwiex car kif l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni taghha u dan ghaliex l-appellant baqa' ma inghatax kopja tas-sentenza motivata. L-abbli difensuri tal-appellant ma ghamlu l-ebda sottomissjoni, la verbali u anqas bil-miktub, in rigward. Jidher illi meta l-appellant talab ghal-kopja tas-sentenza inghata kopja tac-citazzjoni bin-notamenti tal-Magistrat decident fuq 'l wara taghha;

2. L-atti processwali jakkludu, a fol 13, s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Marzu 2014, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Zammit. Ezaminata din is-sentenza, din il-Qorti ma rriskontratx dak konvenut mill-appellant. Din hija konformi mar-rekwiziti ravvizati fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta senjatament billi taghmel referenza ghall-fatti li taghhom instabet htija, kienu indikati l-artikoli tal-Kodici Kriminali li dwarhom instabet htija u tikkontjeni ukoll il-piena kominata. Kwantu ghall-aspettattiva tal-appellant li s-sentenza kellha tkun motivata, ghalkemm kien sodisfatt il-vot tal-ligi u artikolu 382 tal-Kap 9, bid-deskrizzjoni tal-fatti mill-Ewwel Qorti, din ukoll elenkat ir-ragunijiet taghha ghaliex kienet qed issib htija. Is-sentenza appellata ghalhekk ma tippekka bl-ebda mod mill-aspett formali. Konsegwentement dan l-aggravju qed ikun michud;

3. It-tieni lanjanza tal-appellant timpunja s-sentenza appellata bil-premessa tal-apprezzament zbaljat tal-provi. Dan il-gravami jehtieg konsiderazzjoni mill-gdid tal-provi minn din il-Qorti bil-ghan li jkun deciz jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

4. In sintesi, l-fatti li taw lok ghal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti kienu s-segwenti: L-appellant kien qieghed fil-parkegg ta' Wied iz-Zurrieq meta l-kwerelant, Pulizija li ma kienx qieghed xoghol, deherlu li kien qieghed isuq b'manjiera traskurata u perikoluza meta beda jghaqqad fil-vojt ir-roti tal-vettura tieghu. L-istess Pulizija talbu biex

jieqaf bil konsegwenza li kien inizzjat litigju verbali u allegatament xejn xieraq akkumpanjat b'hebb;

5. PS 435 David D'Amato xehed illi filwaqt illi kien *off duty* u liebes pajzan, kien qed jiehu kafe' gewwa hanut meta waslu erba vetturi u wahda minnhom dahlet fil-parkegg li hemm Wied iz-Zurrieq. Is-sewwieq tal-vettura, allura l-imputat appellant, beda jghaqqad ir-roti fil-vojt u jdawwar il-vettura meta fil-parkegg kien hemm it-turisti u *mini-buses.* Wara li hareg mill-parkegg, rega dahal u ghamel l-istess u ghalhekk iddecieda li jmur ikellmu tant li wara li hallieh jipparkja mar fuqu u avzah li kien pulizija u li kien ser jirrapurtah *"ta' dawn il-ksuhat li qed taghmel gol-parking, ghidtlu erba' turisti werwirthom".* Skond dan ix-xhud, l-appellant nizel mill-vettura, avvicinah u beda ikellmu hazin u joffendih bil-kliem vulgari li xejn ma jixraq li jkun hawn riprodott hlief li jghid li baghtu …. kemm ghandu. Huwa stiednu biex igiblu l-Pulizija u lill-Kummissarju jekk hemm bzonn. Fil-hin avvicinaw is-sewwieqa tal-vetturi l-ohra u l-appellant beda jimbuttah u kellu jitlob l-assistenza tal-Pulizija peress illi s-sitwazzjoni kienet qed taggrava wara li intervjenew xi sidien tal-*mini-buses*;

6. PS 879 xehed bil-forma ta' affidavit (fol 2 *et. seq*) u kkonferma li kien ircieva telefonata minn PS 435 ghall-assistenza, nizel fuq il-post flimkien ma' PC45 u hemm hadu l-verzjoni tal-partijiet;

7. L-appellant xehed illi kien flimkien ma' tlett vetturi ohra u ma sabux fejn jipparkjaw. Ghalhekk waqaf quddiem ir-restaurant, [li jidher li hemm fil-parkegg] u meta gie biex isuq *"u daqsxejn fit-telgha daret kwart mid-dawra, la skiddjali xejn , kemm qlajt u werzaqli naqra t-tyre. Mort biex nipparkja, sadanittant ipparkjaw l-ohrajn .."* Zied jghid l-appellant illi l-kwerelant mar jiggieled mal-ohrjan u jitlewwem maghhom. Kif ipparkja, gie fuqu l-kwerelant, dahhal idejh mit-tieqa u qallu li kien ser jirrapurtah "*ghaliex qazzistu kull m'hawn*" u dan minghajr ma qallu li hu Pulizija. L-appellant allega li l-kwerelant kien qieghed jixrob flimkien ma ohrajn u deher li kien xurban. Staqsieh ghaliex kien ser jirrapurtah ghaliex wara kollox kienet ghaqdietlu ftit ir-rota fejn seta kien hemm xi diesel. *"Imbaghad kelma jghidli hu u*

*kelma nghidlu jien". Ex admissis* jghid illi jista' jkun bil-fixkla offendieh pero' jichad li qatt semma lill-Kummissarju;

8. Mistoqsi x'hin sar jaf li l-kwerelant kien Pulizija, l-appellant wiegeb illi kien il-*parker* li qallu li kien surgent tal-Pulizija u qallu *"ikun xi jkun, dan mhux bl-uniformi"*;

9. F'konfront bejn iz-zewg xhieda l-kwerelant baqa' jtenni li tant informa lill-appellant li hu Pulizija li heddu li jista' jgib il-korp tal-Pulizija u lill-Kummissarju. Ghall-allegazzjoni li kien xurban qal li kien qed jiehu kafe' fil-hdax ta' filghodu waqt li kien *off duty*. Cahad li kien qed jidghi ghaliex ma jidghix u li meta l-appellant offendieh staqsieh ghaliex kien qed joffendieh u mhux minnu li offendieh lura. Kwantu ghall-forma ta' identifikazzjoni, PS 435 jghid illi jista' jkun li dak il-hin ma uriehx it-tessera tieghu izda wara l-incident cert li urihielu;

10. Andrew Zammit xehed illi malli dahlu fil-parkegg bil-vetturi antiki taghhom, huwa kien l-ahhar wiehed li dahal u ghalhekk ma jafx x'ghamlu ta' qablu izda nizel ghalihom *"dawk li kienu qed jixorbu"* u dan minghajr ma qalilhom li kien kuntistabbli, haga, li saru jafu minghand il-*parker*;

11. Jason Farrugia spjega kif Andew Zammit u hu sabu jipparkjaw mill-ewwel u peress illi Alfred Zammit ma sabx fejn jipparkja dar wara l-hanut li jinsab f'telgha u werzaq wahda r-rota meta nizel l-kwerelant u qalilhom li kienu dejjqu lill-kulhadd jikkummidjaw bil-karozzi. Ix-xhud spjegalu li ma kien ghamel xejn u ghalhekk mar fuq Alfred Zammit, dahhal idejh mit-tieqa tal-karozza tieghu u bdew jargumentaw. Jghid ukoll li l-kwerelant kien agressiv u xurban u qatt ma qalilhom li kien Pulizija;

12. Ezaminati dawn id-deposizzjonijiet, l-ewwel kwistjoni li trid tiddeciedi din il-Qorti hi l-argument imqanqal mill-appellant li qatt ma seta' jinstab hati bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali ghaliex meta inqala' l-incident il-kwerelant ma kienx waqt il-qadi ta' dmirijietu. Dan l-artikolu, kif vigenti fiz-zmien tal-incident (illum mibdul bl-Att V tal-2014) jipprovdi hekk:

**95. (1) Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew jhedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offiza, meta jsiru minghajr ic-cirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, mizjud bi grad.**

Il-prosekuzzjoni tikkoncedi illi ma kien hemm ebda theddid fil-konfront tal-kwerelant u la darba ma tirrizulta ebda offiza fuq l-istess, l-ezami li jsegwi jikkoncerna biss l-allegata ingurja;

13. Issa, kif ritenut mill-Qrati taghna sa minn zmien ilu, dan ir-reat huwa wiehed ta' oltragg jew ingurja specjali jew delitt li huwa differenti mill-hekk imsejha ingurja komuni jew ingurja kontravvenzjonali u dan kif traccjat fis-sentenzi Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar App Krim 12/12/1936; Il-Pulizija vs Frank Attard App Krim 29/12/1958; Il-Pulizija vs Emanuel Pace App Krim 30/4/1993; Il-Pulizija vs Mario Cuschieri App Krim 17/10/1997; Il-Pulizija vs Carmel Farrugia App Krim 16/2/1998; Il-Pulizija vs Joseph Fenech App Krim 25/2/1999; Il-Pulizija vs Joseph Zahra App Krim 9/9/2002; Il-Pulizija vs Josianne Bonello App Krim 16/1/2003; Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech App Krim 10/9/2007 u Il-Pulizija vs Silvio Buttigieg App Krim 16/7/2010. Minn ezami ta' dawn is-sentenzi jokkorri l-konkorrenza ta' hames elementi. L-allegat kliem jehtieg li jkun sar:

a) Lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficcjal pubbliku;
b) *Officio durante vel contemplatione officii;*
c) *De visu*;
d) Li jkun fil-fatt ingurjuz; u
e) *Animo iniuriandi.*

L-ewwel element certament ma jirrikjedi ebda konsiderazzjoni ghajr li l-kwerelant huwa ufficjal tal-Pulizija u ghalhekk persuna inkarigata minn servizz pubbliku. Kwantu t-tieni element, l-appellant jargumenta illi la darba l-kwerelant ma kienx ufficcjalment xoghol ma jistax jitqies li dak id-diskors sar bi ksur tal-imsemmi artikolu 95. Fis-sottomissjonijiet orali taghhom, l-abbli difensur tal-appellant u r-rapprezentant tal-Avukat Generali iddibattew il-kwistjoni jekk ufficcjal tal-Pulizija ghandux jitqies bhala tali anke meta ma jkunx fit-turn tax-xoghol tieghu. L-artikolu 2 tal-Kapitolu 164 jipprovdi illi "Ufficcjal tal-Pulizija" tfisser kull persuna li tkun isservi fil-Korp u tinkludi lill-Kummissarju. L-artikolu 12 imbaghad illi "Kull ufficjal tal-Pulizija ghandu jitqies li jkun ufficcjal tal-pulizija f'kull waqt..." L-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali imbaghad jissanzjona lill-dawk l-ufficcjali pubblici hatja ta' reat li kienu fi dmir li jimpedixxu u dan minghajr distinzjoni kwantu jekk ir-reat ikunx sar fil-hin li l-ufficcjal ikun xoghol jew le. Ghalhekk il-funzjoni tal-pulizija ma tiddekadix bit-tmiem tar-*roster* tieghu jew bil-fatt li ma jkunx liebes l-uniformi u l-argument tal-appellant huwa destinat li jfalli purche', u skond ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ingurja tkun saret *officio durante vel contemplatione uffici*

14. Dak li hu essenzjali ghal-kwistjoni hawn devoluta, u kwantu it-tieni element, hu li l-appellant kien jaf li l-kwerelant kien ufficjal tal-Pulizija u li l-kliem intqal waqt il-qadi ta' dak id-dmir tenut li f'dak il-hin ma kienx liebes l-uniformi. Issa minn dak li semghet din il-Qorti, meta l-kwerelant mar fuq l-appellant qallu li kien pulizija u li kien ser jirrapurtah. Aktar tard ikkonceda illi jista' jkun li inizzjalment ma uriehx mezz ta' identifikazzjoni biex juri li kien Pulizija izda cert li wara ghamel dan. Fil-fehma tal-Qorti, izda, ghalkemm l-intervent tal-kwerelant kien wiehed lodevoli immirat li jassikura z-zamma tal-bon ordni fil-hinijiet barra mir-roster tieghu, f'dawk il-ftit mumenti ta' konfuzjoni u tensjoni ma jidhirx li l-appellant kien konsapevoli li dak l-intervent kien jemani minn ufficcjal tal-Pulizija fil-kwalita' tieghu ta' ufficcjal pubbliku. Il-konsegwenza ta' dan hi li l-kliem tal-appellant,

indipendentement minn jekk dan ghalissa jinkwadrax bhala ingurja jew le, ma jidhirx li ntqal b'reazzjoni ghal-qadi ta' dmir l-istess l-ufficjal jew minhabba l-kariga tieghu bhala ufficcjal pubbliku anke jekk il-kliem tal-appellant altament vulgari u baxx kien jimmerita imputazzjoni *ad hoc*;

15. Illi ghalhekk ezami ulterjuri dwar l-elementi l-ohra li jikkostitwixxu dan ir-reat ikun inutili;

16. Il-gravami mressaq mill-appellant, izda, jirrigwarda ukoll is-sejbien ta' htija dwar it-tielet imputazzjoni, dik tal-ksur tal-paci pubblika u l-bon ordni ravvizata fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9. Il-fatti izda jitkellmu wahidhom u l-ewwel Qorti gustament sabet htija fl-appellant in rigward;

17. Ghal dawn il-motivi, l-ewwel talba tal-appellant ghar-riforma tas-sentenza appellata qed tkun milqugha in parte billi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, tikkonfermaha ukoll f'dik il-parti fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni izda thassarha f'dik il-parti fejn sabitu hati tar-raba imputazzjoni u minflok tilliberah minnha. Konsegwentement thassarha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal-perjodu ta' xahar prigunerija sospizi ghal erba' snin fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u minflok tikkundannah ghal-hlas ta' ammenda ta' €58.00;